# Mattia Preti (1613-1699) u l-kwadri tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex

Charles Cassar B.A. (Hons), Dip. BAR ARCH

Ftit huma dawk il-perjodi fl-istorja artistika Maltija fejn l-arti f'Malta kienet miexja pass pass u kontemporanjament ma' dak li kien qed jiġri u jinħoloq artistikament fuq il-kontinent, jew aħjar l-Italja. Aħna f'Malta artistikament dejjem konna lura biex naddottaw fl-arti tagħna dak li kien diġà stabbilit fl-arti Taljana. Ngħid l-arti Taljana, għax aħna f'Malta dejjem ħarisna lejn l-Italja bħala l-fonti tal-aħjar li kien jinħoloq artistikament. Dan ukoll għaliex għal ħafna żmien fil-passat l-Italja kienet fuq quddiem nett fejn tidħol l-invenzjoni artistika.

L-ewwel darba li konna pari passu artistikament mal-arti internazzjonali kien fl-ewwel snin tas-seklu sittax, meta kellna f'nofsna l-pittur ċelebri imma mqareb bl-isem ta' Michelangelo da Caravaggio (1571-1610). Bit-tluq jew aħjar il-ħarba ta' Caravaggio minn Malta fl-1608, l-arti Maltija reġgħet waqgħet lura u l-pitturi Maltin kienu qegħdin jipproduċu xogħlijiet medjokri u vernikulari.

Ried jgħaddi kważi seklu u nofs biex erġajna tlajna fil-quċċata tal-arti internazzjonali. Dan ġara fl-1661 bil-wasla f'Malta tal-pittur Mattia Preti. Fl-istorja tal-arti, Mattia Preti hu magħdud mal-aqwa artisti tal-Arti Barokka u tal-perjodu li għex fih. Il-kobor ta' Preti nistgħu narawh fl-influwenza tremenda li Preti kellu fuq l-artisti kważi kollha li kienu jaħdmu f'Malta f'dak iż-żmien. Dan ġara għax il-pittura tiegħu kienet imfittxija bil-bosta, u minħabba f'hekk Preti kellu bottega dejjem bieżla, fejn fl-istess bottega hu kellu jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu diversi artisti. Nista' ngħid b'kunfidenza li l-maġġoranza tal-aħjar xogħlijiet tal-arti li għandna f'Malta, kemm f'kollezzjonijiet nazzjonali, ekkleżjali u anki privati, jappartienu lil dan il-perjodu.

Mattia Preti twieled Taverna, fir-reġjun tal-Kalabrija, fl-24 ta' Frar 1613. Dan ifisser li din is-sena qegħdin niċċelebraw l-erba' mitt sena minn twelidu. Preti beda jitħarreġ fl-arti tal-pittura taħt id-direzzjoni ta' ħuh Gregorio (1603-1672) li wkoll kien pittur. Ftit wara, madwar is-sena 1630, Preti ħalla Taverna u telaq lejn Ruma jsegwi lil ħuh li kien diġà wasal fil-Belt Eterna qablu, probabbilment ifittex aktar kummissjonijiet artistiċi. Hawnhekk Preti kien influwenzat artistikament mix-xogħlijiet ta' artisti kbar oħra bħal Giovanni Lanfranco (1582-1647) u Pietro da Cortona (1596-1669). L-aktar li ħallew impressjoni fuqu kienu l-kwadri ta' Guercino (1591-1666).

Preti kien iħobb juża paletta mimlija b'kuluri vivaċi bħal dawk li kienu jużaw artisti Venezjani bħal Paolo Veronese (1528-1588) u oħrajn tas-seklu sittax. Fl-arti tiegħu Preti kellu aċċenni Caravaġġeski li kienu ġejjin mill-influwenza ta' pittur ieħor Carravaġġesk, Bartolomeo Manfredi (1582-1622), jew aħjar l-applikazzjoni tal-metodu Manfredjan. Naraw li l-*chiaroscuro* ta' Caravaggio tħallat minn Preti mal-kuluri Venezjani. Ta' min isemmi wkoll li Mattia Preti, barra li kien mgħallem fejn għandha x'taqsam pittura biż-żejt, kien ukoll mgħallem tal-affresk.

Mattia Preti hu magħdud mal-artisti l-kbar ta' kull żmien. Hu kien ukoll espert tal-arkitettura. L-invenzjoni artistika tiegħu tiddomina u tidher superjuri. Barra t-teknika mirquma fit-tħaddim tal-pinzell, Preti ma kienx joqgħod lura milli jesperimenta biex joħloq kwadri attraenti. Internazzjonalment aħna nqisu lil Mattia Preti bħala dak li wassal biex il-fażi tal-istil Barokk magħruf bħala dak "Għoli" jiżviluppa għal dak "Tardiv".

Fl-1653 Preti mar joqgħod Napli u sar l-iktar pittur magħruf f'dik il-belt. Dak iż-żmien Napli kienet taħt il-ħakma Spanjola. Fil-belt Partenopea fejn hu dam jgħix u jaħdem għal seba' snin, il-pittur Kalabriż beda jħares ukoll lejn il-kwalitajiet artistiċi espressi mill-pittur kbir Naplitan Luca Giordano (1634-1705).

Il-konnessjoni ta' Preti mal-Ordni ta' San Ġwann bdiet qabel ma l-pittur ġie joqgħod fi gżiritna. Fil-fatt snin qabel, fl-1642, il-Papa Urbanu VIII kien ħatru Kavallier tal-Ubbidjenza. Dan kien titlu onorarju. Imma Preti – jew il-Kavallier Kalabriż, kif hu magħruf – ma kienx kuntent b'dan it-titlu, għax ried wieħed iktar prestiġjuż. Tant kien determinat li jakkwista grad ogħla fl-Ordni li saħansitra offra li jpitter mingħajr ma jitħallas is-saqaf kollu tal-Konkatidral ta' San Ġwann.

Matul iż-żmien li għamel Malta, kważi erbgħin sena, Preti sar popolari ħafna, imfittex, u mingħajr tlaqliq ngħidu li kien l-aqwa pittur li kellna dak iż-żmien. Ix-xogħlijiet tiegħu huma mferrxa f'diversi knejjes, palazzi, djar privati, u naturalment fil-Mużew tal-Arti f'Malta. Mhux talli hekk, imma Preti kien għadu jirċievi kummissjonijiet anki minn barra minn Malta.

**Il-Kwadru Titulari ta' San Ġorġ Rebbieħ fuq id-Dragun**

It-titular kien donazzjoni tal-Gvernatur ta' Għawdex Fra Francesco de Cordova. Dan de Cordova, li jingħad li kien devot ferventi tal-Qaddis ta' Lidda, ried isebbaħ il-knisja ġdida li kienet inbniet dak iż-żmien wara wegħda fejn San Ġorġ ħeles lil Għawdex mill-Pesta tal-1633. L-istoriku Gian Piet Franġisk Agius De Soldanis jirrakkonta li l-Kavallier de Cordova kien saħansitra għen fiżikament fil-bini tal-istess knisja. Din l-imħabba u munifiċenza ta' de Cordova hi wkoll imfakkra fil-lapida *Divo Georgio*, li kopja tagħha tidher illum hekk kif tidħol fil-Bażilika.

De Cordova ma qabadx u għażel artist li kien kien, imma ried li l-kwadru jitpitter minn Mattia Preti, l-aħjar artist li kien hawn f'Malta dak iż-żmien. B'hekk de Cordova ried juri wkoll li Għawdex ma kellux ikun inqas minn Malta fejn jidħlu kummissjonijiet tal-arti. Ried ukoll juri li hu jifhem fl-arti u barra minn hekk ried jenfasizza l-pożizzjoni tiegħu fl-Ordni ta' Malta. Fil-pittura, l-arma ta' de Cordova tidher fuq in-naħa ta' isfel tax-xellug.



*Mattia Preti,* San Ġorġ Rebbieħ fuq iż-Żiemel, *1678, żejt fuq it-tila, 315x240ċm*

Kull kritiku tal-arti jista' malajr jinduna li Mattia Preti pitter hu stess il-figura imponenti ta' San Ġorġ u l-partijiet saljenti l-oħra tal-kwadru, bħal dawk l-anġli delizzjużi li jidhru fuq u maġenb il-qaddis. Preti wkoll utilizza l-figura ta' San Mikiel li kien pitter fi kwadru ieħor li jinsab f'Taverna biex pitter il-figura ta' San Ġorġ. Din kienet użanza komuni għal Preti. Tant hu hekk, ngħidu aħna, li hemm tliet verżjonijiet prattikament ugwali tal-kwadru tal-*Martirju ta' Santa Katarina*, li dak "oriġinali" jinsab fil-knisja ddedikata lilha fil-Belt Valletta.

F'dak iż-żmien Mattia Preti kien qed ipitter ix-xeni tal-Passjoni li jinsabu fl-Oratorju ta' San Ġwann, l-istess post fejn hemm il-pittura kolossali tal-Qtugħ ir-Ras tal-Battista ta' Caravaggio. Wieħed jista' jinnota li Preti uża l-istess skema ta' kuluri skuri u sfumaturi għaż-żewġ kummissjonijiet. Minn dan il-perjodu 'l quddiem Preti kien biddel il-paletta ta' kuluri, u l-kwadru tagħna jikkuntrasta mal-kuluri jgħajtu li hu kien juża meta wasal Malta, bħal, ngħidu aħna, fil-kwadru tiegħu ta' *San Ġorġ fuq iż-Żiemel* li jinsab fil-Kappella ta' Aragona fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Fil-kwadru titulari tal-Bażilika tagħna, San Ġorġ, liebes il-kurazza, jidher jokkupa l-parti ċentrali tal-pittura. San Ġorġ jidher kemmxejn għajjien iżda ferħan wara r-rebħa tiegħu fuq id-dragun, u hu allużjoni eċċellenti tar-rebħa tal-reliġjon Nisranija fuq il-qerq tax-Xitan. Fil-figura tad-dragun – għalkemm jidher mirbuħ u b'rasu maqtugħa, iżda b'dak il-ħalq enormi u b'għajnejn imberrqa – xorta naraw il-personifikazzjoni realistika tal-ħażen li anki jasal biex ibeżża' lil kull min jarah.



*Mattia Preti,* Il-Verġni Mbierka bl-Anġli Madwarha, *żejt fuq it-tila, 269x192ċm. Il-Madonna tal-Anġli, kwadru ta' Preti f'Taverna li fih San Mikiel jixbah sew lil San Ġorġ ta' Għawdex.*

Mattia Preti pitter lil San Ġorġ b'sieqU l-leminija tisħaq ir-ras tad-dragun u bis-sejf għadu mislut f'idu l-leminija waqt li jżomm tarka f'idu l-oħra. Il-qaddis hu muri b'mantell aħmar marbut ma' spalltu li jtir b'forza madwaru. Dan il-mantell ħamrani jikkuntrasta b'mod sabiħ mal-figura ta' Ġorġi u juri simbolikament l-aġitament spiritwali li kien għaddej minnu San Ġorġ f'dak il-ħin.

Kompożizzjonalment, Preti ta l-istess importanza liż-żiemel bajdani li jidher kalm maġenb il-qaddis. Maġenb ras San Ġorġ jidher anġlu qed iżomm lanza kif ukoll ir-riedni taż-żiemel. Fuq in-naħa ta' isfel fix-xellug tidher il-prinċipessa, kważi għarkupptejha u b'idejha marbuta, li San Ġorġ qed jeħles mill-qilla tad-dragun. Ikonografikament, jiġifieri simbolikament, din il-figura tal-prinċipessa hi meħuda li tirrappreżenta l-Knisja ta' Kristu.



*Il-kwadru ta' San Ġorġ impitter minn Preti għall-Kappella ta' Aragona fil-Konkatidral ta' San Ġwann*

Fin-naħa ta' fuq tal-kwadru, iktar lejn il-lemin, jidhru żewġ anġli mixgħulin fir-raġġ li ġej mis-sema u li jibqa' nieżel biex idawwal il-figura ta' San Ġorġ. Dan ir-raġġ, ċertament invenzjoni mirquma ta' Preti, jinfed bħal sejf id-dlam mudlam li bih hu mdawwar il-kwadru. Dan ir-raġġ hu wkoll rappreżentazzjoni tar-rebħa ta' Ġorġi fuq il-ħażen jew il-paganiżmu ta' Djoklezjanu.

Mattia Preti hawn għamel riferenza għall-istorja ta' San Ġorġ fil-*Leggenda Aurea* ta' Jacobus de Voragine, anki billi pitter għadam uman fin-naħa ta' isfel tal-kwadru.

Mingħajr l-iċken dubju dan il-kwadru titulari tal-Bażilika tagħna, li juri lil San Ġorġ Rebbieħ fuq id-Dragun, hu l-aqwa u l-iżjed pittura prestiġjuża li għandna f'Għawdex. Il-kritiku internazzjonali tal-arti John Spike jqis dan il-kwadru bħala wieħed mill-aqwa xogħlijiet li ħarġu mill-id ta' Preti fl-aħħar tletin sena ta' ħajtu u tampar ix-xogħlijiet ta' Preti li kien għamel fil-knisja ta' Sarrija, fil-Furjana.

Dan il-kwadru kien ġie rrestawrat mir-restawratur Carmelo Said bejn l-1972 u l-1973.

**Il-Kwadru tal-Madonna tal-Erwieħ**

Fil-Bażilika ta' San Ġorġ għandna pittura oħra ta' Mattia Preti. Dan hu l-kwadru magħruf popolarment bħala *Tal-Erwieħ*, li jinsab fuq l-altar laterali tax-xellug. Qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor bl-istess tema li kien tpitter minn Filippino Dingli, li jiġi hu l-perit magħruf Tommaso Dingli. Il-kwadru ta' Preti ngħata b'rigal lill-knisja minn Giovanni Gourgion. Dan Gourgion kien raġel importanti ħafna u serva wkoll bħala segretarju ta' żewġ Granmastri, li kienu Gregorio Caraffa (1680-1690) u Adrien de Wignacourt (1690-1697). Barra li kien sinjur sewwa, Giovanni Gourgion kien ukoll benefattur kbir, speċjalment tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Dan nista' ngħidu għax Gourgion hu wkoll il-benefattur ta' kwadru ieħor li għandna fil-knisja: il-pittura li turi l-qawmien mirakoluż ta' *San Lazzru*, impittra minn Giuseppe D'Arena, u li tinsab faċċata tal-kwadru *Tal-Erwieħ*.

Gourgion, bħall-Kavallier de Cordova, fittex biex iqabbad l-aqwa artist li kien hawn u għalhekk hu wkoll għażel lil Mattia Preti. Ukoll bħal de Cordova, permezz ta' din il-kummissjoni, Gourgion ried jenfasizza l-pożizzjoni għolja li huwa kellu fl-amministrazzjoni tal-gżejjer Maltin. Naħseb li Giovanni Gourgion kien sar jaf lil Preti permezz tal-Granmastru Gregorio Caraffa, li, kif diġà għidna, Gourgion kien is-segretarju tiegħu.

Fuq din il-pittura hemm imniżżla żewġ dati: 1686 u 1688. Skont de Soldanis, Gourgion ħallas għall-pittura fis-sena 1688. Min-naħa l-oħra l-Professur Mario Buhagiar hu tal-fehma li l-ewwel data tirreferi għal meta Gourgion ordna l-pittura u t-tieni data hija ta' meta l-kwadru kien lest.



*Mattia Preti,* Il-Madonna tal-Grazzja, *1686-1688, żejt fuq it-tila, 383x253ċm*

F'dan iż-żmien Mattia Preti kien diġà għalaq 75 sena, u għalhekk minħabba l-età tiegħu kien jeħtieġ sewwa l-għajnuna tal-assistenti fil-bottega li kellu. Dan il-fatt jista' jingħaraf meta wieħed jistudja dan il-kwadru, fejn il-figuri sekondarji tal-erwieħ fil-Purgatorju, li jidhru fil-parti ta' isfel tal-pittura, huma xogħol tal-assistenti u jikkuntrastaw ma' partijiet oħra fejn is-sengħa maestuża tal-imgħallem Preti tidher evidenti. Barra minn dan, kien Mattia Preti l-artist responsabbli għall-*invenzione*, jew il-kompożizzjoni li tiġbed l-għajn tal-kwadru. L-immudellar mirqum taż-żewġ persuni li jidhru fuq kull naħa tal-kwadru mhuwiex ħlief ritratti ta' Giovanni Gourgion u martu Elena. Il-pinzellati ta' Preti jidhru wkoll fil-figura tal-Madonna li tidher tiddomina l-parti ta' fuq nett tal-kwadru.

Skont l-istudjuż tal-arti John Spike, Preti pitter dan ix-xogħol fil-perjodu tal-aħħar għoxrin sena ta' ħajtu, meta l-pittur kien qed jesprimi ruħu permezz tal-istil meditattiv profond tiegħu, fejn il-kuluri kienu ristretti ħafna u b'tonalitajiet skuri.

Din il-pittura hija maqsuma f'żewġ reġistri. Fil-parti ta' fuq tidher il-Verġni Mbierka bil-Bambin f'idejha. Taħtha u madwarha hemm sħaba sewdinija li madankollu tidher tinferaq minn raġġ ta' dawl qawwi li jdawwal lill-Verġni Mbierka. Madwar il-Madonna hemm ukoll itiru xi anġli żgħar jew puttini li xogħolhom hu li jżommu l-mantell tal-Verġni. Fuq in-naħa tal-lemin hemm anġlu li jġorr l-iskrizzjoni bil-Latin *"Ancilla Dei Gratiæ"*, li bil-Malti tfisser "Il-Qaddejja tal-Mulej".

B'mod ġenjali Preti uża wkoll dan l-anġlu flimkien mal-figuri ta' Giovanni Gourgion u martu Elena biex jgħaqqad il-faxxa ta' fuq ma' dik ta' isfel tal-kwadru. Dawn iż-żewġ persunaġġi distinti jidhru fuq żewġt irjus ta' blat li huma ħerġin min-naħat vertikali tal-kwadru. F'idejhom qegħdin iżommu anfora kbira waqt li jferrgħu l-ilma fuq l-erwieħ magħkusa li jinsabu fin-nirien tal-Purgatorju.

Għalkemm Giovanni Gourgion kien bniedem għani bil-bosta, fil-kwadru hu u martu jidhru lebsin ħwejjeġ komuni li żgur ma jurux l-istatura għolja li kellhom fis-soċjetà ta' dak iż-żmien. Dan jista' jindika li meta Gourgion kien ordna l-kwadru mingħand Preti, hu kien talbu biex ipittru liebes bi ħwejjeġ komuni biex juri li hu u martu kienu nies b'sens umli ta' moralità Kristjana u li kellhom għal qalbhom l-erwieħ imsejkna tal-Purgatorju. Din is-suppożizzjoni għandha ssib aktar saħħa fil-fatt li fuq il-bieb prinċipali tat-Torri Gourgion li kien jinsab fix-Xewkija kien hemm skrizzjoni li kienet tgħid li t-torri kien taħt l-awspiċju tal-erwieħ tal-Purgatorju. Mhux biss, imma fuq id-daħla tal-bir fl-istess Torri Gourgion, li kien propjetà tal-Familja Gourgion, kien hemm miktuba dawn il-kelmiet: "Ixrob minn dan l-ilma li jagħti l-ħajja u itlob f'isem il-Mulej".



*Dak li darba kien it-Torri Gourgion fix-Xewkija.*

Il-kwadru tal-Erwieħ għandu kompożizzjoni li tiġbed l-għajn, anki jekk Mattia Preti mexa fuq it-tipoloġija tal-kwadru li kien hemm qablu u li kien tpitter minn Filippino Dingli. Dan ix-xebh seta' kien riżultat ta' min ikkummissjona l-pittura, jiġifieri Giovanni Gourgion. Ta' min jinnota li hemm xebh fil-figuri tal-Madonna ġġorr lil Binha mal-pittura tal-istess pittur li hemm f'Taverna. Wieħed għandu wkoll japprezza kif Mattia Preti ħaddem il-*chiaroscuro* b'influwenzi Caravaġġeski, l-isfumaturi monokromatiċi, kif ukoll il-kuluri kuntrastanti tal-ilbies taż-żewġ donaturi mal-bqija tal-kwadru.

Il-kwadru kien irrestawrat minn restawraturi Taljani fl-1991. Dawn ir-restawraturi nnotaw fir-rapport tagħhom il-mod ħafif kif Mattia Preti kien imexxi l-pinzellati tiegħu u kif kien juża t-teknika ta' *impasto*, jew ħxuna fl-applikazzjoni taż-żebgħa, biex joħloq kuntrasti permezz ta' tonalitajiet ċari.

Kienet id-determinazzjoni li kellu Mattia Preti biex jilħaq grad ogħla fl-Ordni li wasslitu biex jiġi joqgħod Malta. Minħabba f'hekk gawdiet l-arti Maltija, għax spiċċajna biex għandna dawn it-teżori tal-arti. Inkuża f'dan il-patrimonju imprezzabbli hemm il-Bażilika ta' San Ġorġ, li fi ħdanha hawn iż-żewġ kwadri sbieħ u maestużi ta' dan il-Kavallier Kalabriż.

## Biblijografija


Agius de Soldanis, Gian Pietro Francesco, *Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano*, manuskritt fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, 1746.

Bezzina, John, *Il-Pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ: Storja u Tifsir*, Malta 1965.

Buhagiar, Mario, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900: Painting*, Malta 1988.

Buhagiar, Mario, *The Artistic Heritage of Gozo: A Study of Patronage Patterns in a Small Island Community*, f'*Seminar on Gozo and Its Cultures*, Lino Briguglio–Joseph Bezzina (Ed.), Malta 1995.

Cassar, Charles, *A Catalogue of Works of Art at St George's Basilica, Gozo*, teżi mhux ippubblikata, Università ta' Malta 2011.

Corace Erminia (Ed.), *Mattia Preti*, Roma 1989.

Debono, Sandro–Valentino, Giuseppe, *Mattia Preti: Faith and Humanity*, Malta 2013.

De Dominici, Bernardo, *Notizie della Vita del Cavaliere Fra Mattia Preti*, Malta 1864.

Mariani, Valerio, *Mattia Preti a Malta*, Roma 1929.

Sciberras, Keith, *Baroque Painting in Malta*, Malta 2009.

Sciberras, Keith, *Mattia Preti, The Triumphant Manner*, Malta 2012.

Sciberras, Keith–Sgarbi, Vittorio, *Il Cavalier Calabrese Mattia Preti tra Caravaggio e Luca Giordano*, Italia 2013.

Spike, John, *Mattia Preti – I Documenti*, Italia 1998.

Spike, John, *Mattia Preti – Catalgo Ragionato dei Dipinti*, Italia 1999.